**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Abdarrhim Osman**

**Seduta tad-Distrett Valletta**

**Illum 28 ta' Awwissu, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Abdarrhim Osman** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 140253 (A) billi huwa akkuzat talli:

1. Fl-14 ta' Lulju 2015 u fil-jiem ta' qabel sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz (Kap. 9, Art. 188 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. Fl-istess cirkustanzi, ta jew gieghel li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz dwar xi informazzjoni li ghandha tigi moghtija skont jew ghall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1c) tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum it-28 ta' Awwissu, 2015 ghall-ewwel u ghat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, ghandu fedina penali netta u li kkopera mal-pulizija fl-istharrig taghhom u jidrilha li jkun aktar opportun li tinghata piena alternattiva ghal dik karcerarja.

Il-Qorti tordna lill-pulizija biex ikomplu bl-istharrig taghhom fejn waqt il-kaz irrizulta li l-indirizz li l-imputat ta lill-ufficjali ta' Identity Malta dak ta' Triq Windsor f'tas-Sliema, kienu rregistrati fih 50 persuna barranija.

Il-Qorti tinnota ukoll kif hemm min qieghed jisfrutta lill-barranin li qeghdin fostna. F'dan il-kaz jirrizulta li sid il-kera fejn jghix realment l-imputat fi Triq Azzopardi l-Marsa ma ridux li jirregistra ruhu bhala resident f'dak il-post fil-perjodu tal-kirja. Kien ghalhekk li l-istess imputat li ghandu protezzjoni sussidjarja mill-Ufficju tal-Kummissarju tar-Refugjati rrikorra biex jirregistra bhala indirizz bhala residenza

tieghu il-fond li mhux tassew kien jghix fih u dan bi hlas ghal skrittura privata ta' kirja fittizja.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni ukoll biex isir intervent legislattiv fejn l-iskrittura privata bejn il-partijiet fejn jidhlu kirjiet ma jibqghux isiru b'dan il-mod daqshekk informali imma ghandhom jibdew ikunu registrati ufficjalment.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 32 (1)(c) tal-Kap 217 u l-Artikolu 22 tal-Kap 446 l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) snin millum.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur